**NOMINA TAS-SA CARMEN CIANTAR GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON TAL-AWTORITÀ GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

## Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern

1. **Tista' telabora dwar il-karriera professjonali tiegħek, speċjalment bħala CEO/Chairperson ta' entitajiet pubbliċi oħra? X'kienu il-kisbiet tiegħek f'dawn is-setturi?**

   Esperjenza u Ħiliet Fit-Tmexxija

   Bdejt il-karriera tiegħi bħala għalliema fi skola tal-Knisja. Aktar tard, imxejt lejn karriera fit-tmexxija f'entitajiet governattivi kif ukoll f'kumpaniji privati ta' ċertu portata.

   Fil-qasam privat, qattajt żmien twil insaħħaħ l-esperjenza tiegħi, u meta rritornajt biex immexxi entitajiet governattivi, stajt nimplimenta b'suċċess diversi *policies* u prattiċi li għamlu dawn l-entitajiet aktar flessibbli u effiċjenti.

   Esperjenza mal-ARMS Ltd.

   Meta ħadt it-tmexxija tal-ARMS Ltd, sibt sitwazzjoni prekarja ħafna – kemm f'termini ta' impjiegi tal-ħaddiema kif ukoll ta' kontijiet pendenti. Ħdimt sabiex il-ħaddiem prekarju jikseb pożizzjoni stabbli, u b'hekk naqqasna l-problema ta' telf ta' riżorsi umani.

   Barra minn hekk, iffukajna biex ngħinu klijenti li kienu qed isibu diffikultà biex iħallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Flimkien mat-tim kont niltaqa' regolarment ma' dawn il-klijenti, u permezz ta' soluzzjonijiet personalizzati, irnexxielna nintroduċu dixxiplina ġdida fejn ħafna bdew iħallsu b'mod regolari.

   Fl-istess waqt, ħdimt fuq titjib fis-sistema tas-*software* tal-kontijiet biex ir-riżultati jkunu aktar preċiżi u effiċjenti. Barra minn hekk, bnejt tim amministrattiv sod li wassal għal titjib kbir fis-servizz mogħti lill-konsumatur.

   Esperjenza mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi

   Minn hemm, imxejt lejn il-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi, entità li tieħu ħsieb l-infrastruttura tas-saħħa f'Malta. Kien settur għal qalbi ħafna, u flimkien ma' tim eċċezzjonali, irnexxielna nkunu ta' appoġġ essenzjali għall-Ministeru tas-Saħħa, speċjalment matul il-pandemija. Konna konxji li x-xogħol tagħna kellu impatt dirett fuq il-pazjenti, u għalhekk, l-impenn tagħna kien assolut, anki f'dawn iż-zminijiet diffiċli.

Matul is-seba' snin u nofs li kont immexxi l-Fondazzjoni, ħdimt fuq diversi proġetti u dejjem ħadt ħsieb li l-istandards ta' kwalità jkunu l-ogħla possibbli. Fl-infrastruttura, segwejna standards internazzjonali biex niżguraw li l-proġetti jkunu *fit for purpose*. Dejjem mexxejt bl-oggettività u adottajt valuri ta' trasparenza u akkontabbiltà. Ikkonsultajt ma' esperti u ħadt id-deċiżjonijiet fl-aħjar interess tal-poplu Malti.

<u>Ħiliet u Valuri Personali</u>

Il-karriera tiegħi saħħet il-ħiliet personali tiegħi, speċjalment peress li qatt ma qadt lura milli nikkonsulta ma' nies b'aktar esperjenza minni. Dan għeni nikber kemm fil-personalità tiegħi kif ukoll fl-abbiltà li nieħu deċiżjonijiet f'waqthom.

Tgħallimt nanalizza l-problemi, nieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa, u nikkomunika strateġiji b'mod ċar u effettiv. L-esperjenza għallmitni wkoll li l-mexxej ma jistax jaħdem waħdu – is-suċċess jista' jinkiseb biss jekk it-tim kollu jiġbed ħabel wieħed.

**2. Kif tiddeskrivi l-irwol ta' Chairperson tal-Awtorità għall-kompetizzjoni u għall-affarijiet tal-konsumatur?**

<u>L-iStruttura tal-Awtorità</u>

Fl-isfond ta' dan il-kuntest, huwa importanti li nżommu f'moħħna l-istruttura ta' din l-Awtorità. L-Awtorità hija ffurmata minn erba' entitajiet indipendenti:

- L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni
- L-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur
- Id-Diviżjoni dwar Regolamenti Tekniċi
- L-Istitut dwar l-Istandards u l-Metroloġija

Kull waħda minn dawn l-entitajiet hija mmexxija mid-Direttur Ġenerali rispettiv tagħha, li jopera b'indipendenza fid-deċiżjonijiet tiegħu.

<u>L-Irwol ta' Chairperson u l-Bord tal-Gvernaturi</u>

Iċ-Chairperson għandu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tas-servizzi korporattivi tal-Awtorità, l-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni tagħha, kif ukoll għall-kontroll amministrattiv tal-uffiċjali u l-impjegati tagħha.

Barra minn hekk, iċ-Chairperson, flimkien mal-membri l-oħra tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità, għandu dawn ir-responsabbiltajiet ewlenin:

- Jistabbilixxi l-politika li għandha tiġi segwita mill-Awtorità, f'konformità mal-politika ġenerali tal-Gvern.
- Jiżgura li l-entitajiet iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom skont il-politika stabbilita.
- Jiżgura li l-entitajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv u indipendenti.

**3. Xi sfidi prinċipali ewlenin tara f'dan is-settur tal-kompetizzjoni u protezzjoni tal-konsumatur?**

Sfidi u Responsabbiltajiet tal-Awtorità

L-akbar sfida f'dan is-settur hija bla dubju marbuta maż-żieda fil-prezzijiet, li hija konsegwenza tal-inflazzjoni importata. Kif rajna matul l-aħħar xhur, il-prezzijiet tas-servizzi, il-prodotti tal-ikel, u l-materja prima komplew jogħlew.

Filwaqt li Malta, bħal pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea, għandha suq ħieles fejn il-prezzijiet ivarjaw skont id-domanda u l-provvista, l-Awtorità għandha tkun aktar viġilanti minn qatt qabel biex tiżgura li ż-żidiet fil-prezzijiet ma jkunux riżultat ta' abbuż ta' dominanza jew ta' ftehim illeċitu bejn l-operaturi li jwassal għal spekulazzjoni fil-prezzijiet.

L-irwoll tal-MCCAA fil-Monitoraġġ tal-Prezzijiet

Għaldaqstant, l-awtoritajiet, b'mod partikolari l-MCCAA, għandhom isegwu b'mod regolari l-prezzijiet tal-prodotti u s-servizzi sabiex jieħdu l-azzjoni neċessarja f'każ li jinstab xi abbuż skont il-liġi. Barra minn hekk, nemmen li l-MCCAA għandha tiżgura li l-prezzijiet tal-prodotti jkunu indikati b'mod ċar biex il-konsumaturi jkunu infurmati b'mod trasparenti; kif ukoll tħeġġeġ lill-konsumaturi jqabblu l-prezzijiet u jagħżlu b'mod għaqli minn fejn jixtru l-prodotti u s-servizzi tagħhom.

Assigurazzjoni ta' Kwalità u s-Sigurtà tal-Prodotti

L-Awtorità trid tassigura wkoll li l-prodotti mqiegħda fis-suq Malti jkunu siguri, ta' kwalità, u konformi mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea. Din hija sfida oħra importanti, għax filwaqt li hija essenzjali li nżommu standards għoljin ta' kwalità, irridu napprezzaw li ħafna drabi l-konformità ġġib magħha spejjeż

addizzjonali. Dan jista' jkun ta' piż partikolarment fuq negozjanti u importaturi żgħar.

Appoġġ lin-Negozjanti u Ħarsien lejn id-Drittijiet tal-Konsumatur

Għaldaqstant, l-Awtorità għandha tassigura li n-negozjanti jkunu konxji tal-obbligi tagħhom, speċjalment dawk imposti mir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, li qed jiġu aġġornati b'mod konsistenti u qed isiru dejjem aktar stretti; kif ukoll tassigura li dawn ir-regolamenti ma jwasslux għal żieda sproporzjonata fil-prezzijiet, li tagħmel il-ħajja diffiċli għall-konsumaturi.

B'dan il-mod, l-Awtorità tista' ssib bilanċ bejn l-assigurazzjoni tal-kwalità u s-sigurtà tal-prodotti, filwaqt li tevita piżijiet żejda fuq in-negozji u żidiet sproporzjonati fil-prezzijiet li jolqtu lill-konsumatur.

4. **Jekk kemm-il-darba tkun approvata x'se jkunu l-prijoritajiet tiegħek?**

   Il-prijorità tiegħi se tkun li nsaħħaħ kontinwament din l-Awtorità, sabiex tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha b'mod effettiv u effiċjenti. Dan se jippermettilha tkompli tissorvelja s-suq b'mod kontinwu u tieħu l-miżuri ta' infurzar meħtieġa f'każ ta' abbuż.

   Fl-istess ħin, se naħdem biex inkomplu nrawmu relazzjonijiet b'saħħithom bejn l-imsieħba soċjali kollha fis-swieq tagħna, sabiex nassiguraw li dawn jiffunzjonaw b'mod kompetittiv u ġust. Dan mhux biss se jsaħħaħ l-ekosistema ekonomika, iżda wkoll se jkun ta' benefiċċju kemm għan-negozjanti kif ukoll għall-konsumaturi.

5. **Tara li hemm xi kunflitt ta' interess li jista' jkollok f'dan l-irwol il-ġdid?**

   Ma nara l-ebda konflitt ta interess.

## Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni

1. **Kif tiddeskrivi l-irwol ta' Chairperson tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA)?**

   L-iStruttura tal-Awtorità

   Fl-isfond ta' dan il-kuntest, huwa importanti li nżommu f'moħħna l-istruttura ta' din l-Awtorità. L-Awtorità hija ffurmata minn erba' entitajiet indipendenti:

- L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni
- L-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur
- Id-Diviżjoni dwar Regolamenti Tekniċi
- L-Istitut dwar l-Istandards u l-Metroloġija

Kull waħda minn dawn l-entitajiet hija mmexxija mid-Direttur Ġenerali rispettiv tagħha, li jopera b'indipendenza fid-deċiżjonijiet tiegħu.

<u>L-Irwol ta' Chairperson u l-Bord tal-Gvernaturi</u>

Iċ-Chairperson għandu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tas-servizzi korporattivi tal-Awtorità, l-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni tagħha, kif ukoll għall-kontroll amministrattiv tal-uffiċjali u l-impjegati tagħha.

Barra minn hekk, iċ-Chairperson, flimkien mal-membri l-oħra tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità, għandu dawn ir-responsabbiltajiet ewlenin:

- Jistabbilixxi l-politika li għandha tiġi segwita mill-Awtorità, f'konformità mal-politika ġenerali tal-Gvern.
- Jiżgura li l-entitajiet iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom skont il-politika stabbilita.
- Jiżgura li l-entitajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv u indipendenti.

**2. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek bħala Chairperson tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur?**

Il-pjan tiegħi huwa li nkompli nsaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn l-imsieħba soċjali kollha fis-suq, inkluż permezz ta' kampanji edukattivi u l-promozzjoni ta' prattiki kummerċjali ġusti. Dan se jgħin biex kemm in-negozjanti kif ukoll il-konsumaturi jkunu infurmati bl-obbligi u d-drittijiet tagħhom, u b'hekk jinħoloq suq aktar trasparenti u sostenibbli.

Fl-istess ħin, se naħdem biex l-Awtorità tkun mgħammra bir-riżorsi kollha neċessarji sabiex tkun tista' taġixxi b'mod proattiv u effettiv fl-infurzar tagħha. Dan mhux biss se jsaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi, iżda se jgħin ukoll biex jinħoloq ambjent kummerċjali ġust u ugwali għan-negozjanti kollha fis-suq tagħna.

**3. Xi sfidi tara li għandha quddiemha l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur?**

Sfidi u Responsabbiltajiet tal-Awtorità

L-akbar sfida f'dan is-settur hija bla dubju marbuta maż-żieda fil-prezzijiet, li hija konsegwenza tal-inflazzjoni importata. Kif rajna matul l-aħħar xhur, il-prezzijiet tas-servizzi, il-prodotti tal-ikel, u l-materja prima komplew jogħlew.

Filwaqt li Malta, bħal pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea, għandha suq ħieles fejn il-prezzijiet ivarjaw skont id-domanda u l-provvista, l-Awtorità għandha tkun aktar viġilanti minn qatt qabel biex tiżgura li ż-żidiet fil-prezzijiet ma jkunux riżultat ta' abbuż ta' dominanza jew ta' ftehim illeċitu bejn l-operaturi li jwassal għal spekulazzjoni fil-prezzijiet.

L-irwoll tal-MCCAA FIL-Monitoraġġ tal-Prezzijiet

Għaldaqstant, l-awtoritajiet, b'mod partikolari l-MCCAA, għandhom isegwu b'mod regolari l-prezzijiet tal-prodotti u s-servizzi sabiex jieħdu l-azzjoni neċessarja f'każ li jinstab xi abbuż skont il-liġi. Barra minn hekk, nemmen li l-MCCAA għandha tiżgura li l-prezzijiet tal-prodotti jkunu indikati b'mod ċar biex il-konsumaturi jkunu infurmati b'mod trasparenti; kif ukoll tħeġġeġ lill-konsumaturi jqabblu l-prezzijiet u jagħżlu b'mod għaqli minn fejn jixtru l-prodotti u s-servizzi tagħhom.

Assigurazzjoni ta' Kwalità u s-Sigurtà tal-Prodotti

L-Awtorità trid tassigura wkoll li l-prodotti mqiegħda fis-suq Malti jkunu siguri, ta' kwalità, u konformi mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea. Din hija sfida oħra importanti, għax filwaqt li hija essenzjali li nżommu standards għoljin ta' kwalità, irridu napprezzaw li ħafna drabi l-konformità ġġib magħha spejjeż addizzjonali. Dan jista' jkun ta' piż partikolari fuq negozjanti u importaturi żgħar.

Appoġġ lin-Negozjanti u Ħarsien lejn id-Drittijiet tal-Konsumatur

Għaldaqstant, l-Awtorità għandha tassigura li n-negozjanti jkunu konxji tal-obbligi tagħhom, speċjalment dawk imposti mir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, li qed jiġu aġġornati b'mod konsistenti u qed isiru dejjem aktar stretti; kif ukoll tassigura li dawn ir-regolamenti ma jwasslux għal żieda sproporzjonata fil-prezzijiet, li tagħmel il-ħajja diffiċli għall-konsumaturi.

B'dan il-mod, l-Awtorità tista' ssib bilanċ bejn l-assigurazzjoni tal-kwalità u s-sigurtà tal-prodotti, filwaqt li tevita piżijiet żejda fuq in-negozji u żidiet sproporzjonati fil-prezzijiet li jolqtu lill-konsumatur.

4. **X'taħseb li għandhom ikunu l-kisbiet tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur matul il-ħames snin li ġejjin?**

   Il-kisbiet tal-Awtorità matul il-ħames snin li ġejjin għandhom ikunu s-segwenti:

   - Titjieb tal-proċessi permezz ta' tnaqqis ta' burokrazija u diġitalizzazzjoni;
   - Titjieb fil-*public outreach* tal-Awtorità inkluż permezz ta' kommunikazzjoni; kontinwa mal-imsieħba soċjali fl-industrji varji li tmiss magħhom l-Awtorità;
   - Żieda fil-livell ta' konformità tan-negozjanti mal-liġijiet applikabbli permezz ta' kampanji edukattivi;
   - Infurzar effettiv u proattiv; u
   - Aġġornament kontinwu tal-leġislazzjoni li tenforza l-Awtorità.

5. **X'taħseb li kienu n-nuqqasijiet fejn tidħol l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur matul l-aħħar għaxar snin?**

   Filwaqt li nirrikonoxxi li sar ħafna xogħol tajjeb, dejjem hemm lok għal titjib u innovazzjoni. Din l-Awtorità, li ilha mwaqqfa għal aktar minn tlettax-il sena, issa kisbet biżżejjed esperjenza u għarfien biex tidentifika oqsma fejn tista' ssaħħaħ il-ħidma tagħha b'mod aktar effettiv.

   L-għan tiegħi huwa li nibni fuq is-suċċessi li diġà nkisbu, filwaqt li nintroduċi strateġiji ġodda biex l-Awtorità tkun aktar dinamika, moderna u proattiva. Se niffoka fuq titjib fl-infurzar, il-governanza u l-komunikazzjoni mal-imsieħba soċjali sabiex nassiguraw li l-funzjonijiet tal-Awtorità jkomplu jitwettqu b'mod kompetenti u trasparenti.

6. **X'karigi oħra beħsiebek tokkupa jew tassumi f'każ li tiġi maħtura bħala Chairperson tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur?**

   Mhux beħsiebni nokkupa jew nassumi l-ebda kariga oħra.

7. **Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta' interess f'każ li tiġi maħtura bħala Chairperson tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur?**

   M'għandi l-ebda attivitajiet kummerċjali.

8. **Kif se tassigura li l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur taħdem b'mod trasparenti u responsabbli?**

Din l-Awtorità hija istituzzjoni stabbilita bil-liġi, u għalhekk il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tagħha huma preskritti u regolati mil-leġiżlazzjoni. Għaldaqstant, ser naħdem biex nassigura li l-Awtorità f'kull ħin tkun konformi mal-mandat tagħha u li taġixxi b'mod responsabbli u skont il-poteri li ngħatawlha bil-liġi.

Nemmen bis-sħiħ li kull Awtorità pubblika għandha tħaddan il-valuri fundamentali tat-trasparenza u l-kontabbiltà. Għalhekk, se naħdem biex insaħħaħ il-funzjonijiet interni relatati mal-awditjar u l-assigurazzjoni tal-kwalità sabiex:

- Jiġi żgurat li kull deċiżjoni meħuda tkun konformi mal-prinċipji ta' governanza tajba.
- L-operat tal-Awtorità jkun trasparenti u jżid il-fiduċja tal-pubbliku.
- Tissaħħaħ il-proċedura ta' *quality assurance* biex l-istandards interni jkomplu jitjiebu.

B'dan il-mod, l-Awtorità mhux biss tkompli twettaq il-missjoni tagħha b'integrità u effiċjenza, iżda wkoll tikkonsolida r-rwol tagħha bħala istituzzjoni indipendenti u kredibbli fil-governanza ekonomika u soċjali tal-pajjiż.

9. **Kif beħsiebek iżżid il-fiduċja tal-pubbliku fl-Awtorità?**

M'hemmx dubju li, f'pajjiż demokratiku bħal tagħna, il-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet pubbliċi hija pilastru essenzjali tal-governanza tajba. Meta ċ-ċittadini u n-negozjanti jafdaw l-istituzzjonijiet li jirregolaw is-suq u jiddefendu d-drittijiet tagħhom, is-sistema ekonomika u soċjali ssir aktar b'saħħitha u effiċjenti.

Għaldaqstant, l-għan tiegħi huwa li nsaħħaħ din il-fiduċja billi:

- Inżomm kuntatt kontinwu u kostruttiv mal-imsieħba soċjali kollha, inkluż il-konsumaturi, in-negozjanti, u s-settur pubbliku u privat.
- Niżgura li l-Awtorità tkompli tħaddan il-prinċipji fundamentali ta' kontabbiltà u trasparenza fil-qadi tad-dmirijiet u l-funzjonijiet tagħha.
- Nintroduċi miżuri biex il-proċessi interni jsiru aktar trasparenti u aċċessibbli għall-pubbliku, biex b'hekk jissaħħaħ l-irwol ta' din l-Awtorità bħala entità kredibbli u indipendenti.

B'dan l-approċċ, mhux biss ngħinu biex tinżamm il-fiduċja fis-sistema regolatorja, iżda wkoll nagħtu sinjal ċar li l-Awtorità hija kompromessa li taħdem fl-aħjar interess tal-pubbliku u tas-suq b'mod ġust u effettiv.